Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 17/2009AE

**Untours Insurance Agency Ltd u din ghal Qatar Insurance Agency Company kif surrogata fid-drittijiet ta' Emanuel Gauci u l-istess Emanuel Gauci**

**Vs**

**Victor Micallef u b'digriet tal-25 ta' Gunju 2008 gew kjamati fil-kaz Saviour Micallef, Anthony Theuma u Kevin Bartolo**.

Il-Gimgha, 22 ta' Jannar 2016.

L-intimati appellaw minn decizjoni tal-Arbitru tat-28 ta' Mejju 2009 li titratta incident li sehh fil-31 ta' Lulju 2006 fil-Qasam Industrijali, Bulebel, limiti taz-Zejtun li fih giet danneggata l-vettura Tercel FAD 931 proprjeta' tar-rikorrent. Ir-responsabbilta' nqasmet in kwantu ghal nofs (1/2) a karigu ta' Victor Micallef u parti minn sitta kull wiehed (1/6) a karigu tal-intimati l-ohra. Id-danni gew likwidati fis-somma ta' €4,146.28 li ghandhom jithallsu lis-socjeta' rikorrenti u €81.52 lir-rikorrent.

L-intimati appellaw mid-decizjoni u l-aggravji huma:-

1. Id-decizjoni hi nulla in vista ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet Joseph Muscat vs Prim'Ministru tad-29 ta' Mejju 2009 li ddikjara li l-proceduri ta' arbitragg mandatorju li jsiru skond l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-Artikolu 15(11) tal-Kap. 387 (Att dwar l-Arbitragg) jiksru d-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq.
2. Fil-meritu:-
   (a) L-uniku konnessjoni ta' Victor Micallef mal-incident in kwistjoni kien li l-krejn kien registrat f'ismu. Hu xehed li kien ceda l-krejn lis-socjeta' Roc-A-Go Crane Services Limited. L-intimati, impjegati tal-istess socjeta', ukoll ikkonfermaw li l-istruzzjonijiet haduhom minghand il-principal. Irrizulta' li meta sehh l-incident, dan l-intimat kien jinsab id-dar. L-arbitru kien zbaljat meta kkonkluda li t-trukk kien registrat fuq isem Victor Micallef u kellu d-dmir li jizgura li jithaddem skond is-sengha u l-arti.
   (b) L-arbitru kien zbaljat meta kkonkluda li nofs ir-responsabbilta' kellha tinqasam bejn l-intimati l-ohra. Kevin Bartolo ma kienx qieghed jopera l-krejn. Dikjarazzjoni li ma giet kontradetta minn hadd.
   (c) Mill-provi rrizulta' li l-appellanti ma kienux negligenti. Hadd ma xehed li ra li l-incident isehh ghalkemm ufficjali mill-Awtorita' tas-

Sahha u Sigurta' kkonkludew li l-incident sehh meta wahda mill-*outriggers* tal-krejn ma kinitx mahruga kif suppost.

Ir-rikorrenti appellati wiegbu li d-decizjoni tal-arbitru kienet gusta u kellha tigi kkonfermata.

Il-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni.

1. B'riferenza ghall-ewwel aggravju din hi llum ezawrita in segwitu ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Untours Insurance Agency Limited vs Victor Micallef et** deciza fil-25 ta' Jannar 2013 u decizjoni tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet Fundamentali li biha ddikjarat inammissibli l-applikazzjoni tal-appellanti.

2. Fir-rigward tal-meritu, il-kaz jitratta incident meta nqaleb krejn numru FBL 331. Jirrizulta' li fil-hin tal-incident il-krejn kien qieghed jintuza biex jitnehha tank kbir li kien go fabbrika fl-*Industrial Estate* ta' Bulebel. Il-krejn inqaleb ghal fuq il-vettura tal-appellat Emanuel Gauci u vettura Mercedes numru AGY 002. Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:-

    (a) M'hemm xejn x'ticcensura fil-konkluzjoni li wasal ghaliha l-Arbitru li l-incident sehh ghaliex meta l-krejn kien qieghed jintuza biex igorr tank, wiehed mill-*outriggers* biss kien qieghed jintuza kif suppost. Fatt li rrizulta' mill-indagni li saret minn ufficjali tal-Awtorita' dwar is-Sigurta' u Sahha[1] (ara wkoll ritratt a fol. 74 fejn jidher li wiehed mill-*outriggers* ma kienx inhareg 'il barra[2]). M'huwiex normali li krejn jinqaleb. Il-logika wkoll tghidlek li l-incident sehh ghaliex l-*outrigger*s ma gewx armati kif suppost. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-vettura ghelbet bil-piz tat-tank waqt li kien qieghed jingarr proprju minhabba li wiehed mill-*outriggers* kien sempliciment gie mserrah mal-art. Is-sengha kienet titlob li l-*outrigger* jinhareg 'il barra sabiex b'hekk il-krejn ikun stabbli mal-art. M'hemm l-ebda ndikazzjoni li l-incident seta' gara minhabba forza magguri, kif allegat mill-appellati[3].

---

[1] Hekk per ezempju Vincent Attard, ufficjal tal-Awtorita, xehed: *"Minn investigazzjoni li ghamilna u ragel li hadna fuq il-post kien jidher li l-outriggers tat-trukk kienu miftuhin fuq in-naha wahda biss. Irrid nippreciza li mill-hofor tal-art stajna nistabbilixxu li l-outrigger tan-naha tad-driver kienet miftuha u impoggiha mal-art, mentri tan-naha l-ohra kienu mpoggiha mal-art minghajr ma kienu miftuha"*. Ara wkoll deposizzjoni ta' Kevin Gauci, ufficjal iehor tal-istess Awtorita li qal ukoll: *"Fuq ic-certifikat hemm kundizzjoni li l-outriggers kienu kollha miftuhin. Mill-kejl li ghamilna irrizultalna li wiehed mill-outriggers kien biss imnizzel izda mhux mahrug 'il barra…. It-trukk inqaleb fuq in-naha fejn ma kienx estiz l-outrigger"*.

[2] Kieku l-*outrigger* kien mahrug 'il barra mit-trukk, meta t-trukk inqaleb bil-piz tieghu ma kienx jibqa' dritt kif jidher fir-ritratt. Fil-fatt il-krejn inqaleb proprju fuq dik in-naha fejn l-*outrigger* kien qieghed sempliciment isserrah mal-art.

[3] Ara l-ahhar paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellanti.

(b) A *tempo vergine* Victor Micallef iddikjara mal-pulizija li kien hu li baghat lill-haddiema biex izarmaw it-tank mill-fabbrika[4]. Fatt li m'huwiex kontradett minn xi prova ohra. 'Il fatt li Victor Micallef xehed li fil-hin tal-incident kien jinsab id-dar, m'hijiex prova li l-ordni ma nghatatx minnu. Inoltre, it-trukk kien registrat f'ismu u ghalhekk hu kien ghadu r-*registered owner*. Ma ngabet l-ebda prova dokumentarja li effettivament kien ittrasferixxa l-proprjeta' tal-krejn lill-kumpannija li semma fid-deposizzjoni. Apparti dak li nghad fid-decizjoni tal-Arbitru, il-qorti hi tal-fehma li r-responsabbilta' ta' Victor Micallef tirrizulta' wkoll mill-principju tal-*culpa in eligendo* (Artikolu 1037 tal-Kodici Civili). F'dan il-kuntest issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Emanuel Zammit nomine vs Charles Polidano proprio et** tal-31 ta' Jannar 2014, gie osservat:-

*"Min-naha l-ohra, is-socjetajiet appellanti ma jistghux jehilsu mir-responsabbilita` billi jghidu li qabbdu persuna biex tiehu hsieb ix-xoghol,* ***ghax la darba rrizulta li b'dak li ghamlet jew ma ghamlitx dik il-persuna, is-socjeta` attrici sofriet danni*** *(specjalment meta tower crane intrama ezatt mal-faccata tal-lukanda tas-socjeta` attrici),* ***isegwi li dik il-persuna ma kienetx kompetenti f'xogholha, u ghall-konsegwenzi ta' din l-inkompetenza ghandhom ibatu wkoll is-sidien, is-socjetajiet konvenuti appellanti*** *(ara Grech v. Kummissarju tal-Pulizija, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Marzu, 1988, u Gauci v. Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma et., deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Novembru, 2010, li fiha, wara rassenja ta' gurisprudenza, inghad li "il culpa in eligendo llum tinkludi r-responsabbilita` ta' persuna ghall-atti tal-impjegati taghha li jikkawzaw danni lil terzi"). Hu car, kif taraha din il-Qorti, li allura ghad-danni li sofriet is-socjeta` attrici, ma jahti hadd hlief is-socjetajiet konvenuti kif stabbiliet l-ewwel Qorti (Emanuel Zammit nomine vs Charles Polidano pro et nomine, deciza mill-appell fil-31 ta' Jannar 2014)"* (enfazi mizjuda).

Mill-mod kif gie armat il-krejn hu evidenti li l-operatur tal-krejn ma kienx persuna ta' hila.

(c) L-aggravju ta' Kevin Bartolo argument li hu ma kienx il-*crane operator*. Dan l-appellant xehed: *"Jien kont qieghed bi trukk iehor tal-kumpannija, prezenti maghhom. It-trukk l-iehor kien Ford.....Xogholi kien truck driver u mhux crane operator. Jien kont qieghed nohrog il-hadid ukoll sabiex il-crane operator ighabbih fuq it-truck"*. Fid-decizjoni l-Arbitru osserva: *"Din ix-xhieda hija differenti minn dak li l-istess Kevin Bartolo qal ftit hin wara l-*

[4] Ara deposizzjoni ta' PC1429 Eric Mangion.

*incident lis-surgent tal-pulizija Eric Mangion*[5]*. Huwa qallu li kien qed jerfa' t-tank u dan beda jitbandal u l-crane inqaleb u gie fuq il-vetturi. L-arbitru emmen lis-surgent Eric Mangion specjalment ghaliex Kevin Bartolo meta xehed li huwa ma kienx jaf min huwa l-crane driver, m'ghandux jitqies bhala xhud kredibbli".* Konkluzjoni li mehud in konsiderazzjoni tal-provi li tressqu, il-qorti ma tistax ticcensura.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti. Peress li tqies li l-appell hu fieragh tikkundanna lill-appellanti jhallsu lill-appellati l-ispejjez ghal darbtejn**.

Anthony Ellul.

[5] PS 1429 Eric Mangion xehed: *"L-ewwel tnejn li kellimt qaluli li kif refghu t-tank, dan beda jitbandal u l-crane inqaleb u gie fuq zewg vetturi".* Ara wkoll rapport tal-istess ufficjal tal-pulizija minn fejn jirrizulta cara l-involviment ta' Kevin Bartolo (fol. 72).